MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 5/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Christopher Debattista, ta' 21 sena bin Joseph u Frances nee' Portelli,
imwieled Victoria, Ghawdex fid-29 ta' Settembru 1985 u joqghod 'Belveder Crt', Flat 4, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 38585(G)**

**U**

**Ronald Kitcher, ta' 22 sena bin Mario u Victoria nee' Gafa,
imwieled Victoria, Ghawdex fil-5 ta' Frar 1985 u joqghod**

**Blokk F.A. Flat 3, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 9185(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Christopher Debattista u Ronald Kitcher li gew akkuzati talli;

**Christopher Debattista wahdu** talli fl-10 ta' Jannar, 2005 wara nofs inhar, fl-Mgarr, Ghawdex, ikkommetta reat ta' serq ta' oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAA-083 tal-ghamla Seat Ibiza ta' kulur abjad, ghad-detriment ta' Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271, u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' oggetti misruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta' Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ronald Kitcher wahdu** akkuzat talli fis-17 t'Ottubru 2004 fl-Imgarr Ghawdex, ikkommetta r-reat ta' serq ta' oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB-071 tal-ghamla Mini Minor ta' kulur ahdar, ghad-detriment ta' John Martin Spiteri mix-Xewkija Ghawdex, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271 u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' oggett msruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta' John Martin Spiteri mix-

Xewkija, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap, 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati Charles Debattista u Ronald Kitcher ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom. Semghet illi l-imputati irriaffermaw l-ammissjoni tieghhom u dana wara li l-Qorti taghtom zmien sabiex jaghmlu dan;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom. izda dwar ir-reat ta' ricettazzjoni, mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni dan ir-reat ma giex ippruvat u kwindi l-imputati qed jigu liberati mill-istess;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputati u l-fedina penali netta taghhom. Il-Qorti sejra tkun klementi mal-imputati peress illi din hija l-ewwel darba illi huma xellfu difrejhom mal-gustizzja u sabiex huma jinghataw opportunita' jirrealizzaw illi t-triq tad-delinkwenza ma tistax iggib l-ebda frott f'hajjithom;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 271, 281 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda fuq ammissjoni ta' l-imputati ssibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom ghajr ghall-akkuza dwar ir-ricettazzjoni li minnha

qed jigu liberati, Izda bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qeghda tillibera lill-hatja bil-kundizzjoni illi huma ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------